**23 ta' Ġunju, 1961**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt, LL.D.**

Carmelo Buontempo et.

*versus*

Joseph Rossignaud ne.

**Sigurtà Nazzjonali — Arbitru — Appell — Impjegat — Soċjetà — "Insurable Employment" — Att VI tal-1956.**

*Deċiżjoni tal-Arbitru mwaqqaf mill-Att dwar is-Sigurtà Nazzjonali li tkun bażata fuq id-distinzjoni legali bejn komunjoni u soċjetà, jew li tinvolvi nterpretazzjoni tad-definizzjoni li tagħti dik il-liġi tal-kelma 'employer" jew tal-kliem "insurable employment", hija appellabbli.*

*Fid-definizzjoni tal-kelma "employer" il-liġi tikkontempla mhux biss dawk l-għaqdiet ta' nies li għalihom japplika l-kunċett legali ta' soċjetà proprjament hekk imsejħa, imma wkoll kull għaqda ta' nies bi kwalunkwe mod uniti b'xi skop jew oġġett komuni. U l-liġi tgħid espressament illi mhux meħtieġ li dawn l-għaqdiet ta' nies ikollhom personalità ġuridika distinta minn dik tal-individwi li jiffurmawhom.*

*Meta diversi persuni jirtu l-inkwilinat u l-avvjament ta' ħanut, ikun hemm bejniethom stat ta' komunjoni, li għal kreazzjoni tiegħu, għad li kien hemm l-att volontarju tagħhom konsistenti fl-aċċettazzjoni tal-wirt, ma kienx hemm il-veru*

*kunsens li joħloq is-soċjetà; imma meta dawk il-persuni, b'att ġdid tal-volontà tagħhom, jiddeċidu li jkomplu jiġġestixxu dak in-negozju fl-interess komuni, huma jġibu in eżistenza soċjetà bejniethom.*

*Jekk uħud mis-soċi jaħdmu fis-soċjetà, u għax-xogħol tagħhom personali, apparti minn sehemhom mill-qliegħ soċjali, jirċievu kumpens, huma għandhom jitqiesu bħala impjegati mas-soċjetà, u huma reġistrabbli u assikurabbli għall-finijiet tal-Att dwar is-Sigurtà Nazzjonali.*

Dan hu appell mid-deċiżjoni tal-Arbitru taħt l-att tal-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali;

L-anteċedenti huma dawn;

B'ittra tas-26 ta' Jannar 1960, Emmanuele, Lorenzo u Peter, aħwa Buontempo, ġew informati bid-deċiżjoni tad-Direttur tal-Emigrazzjoni, Xogħol u Għajnuna Soċjali, illi huma għandhom jirreġistraw skond l-Att fuq imsemmi fl-Uffiċċju tad-Dipartiment ("area office") tal-Belt Valletta, fejn għandhom ukoll iħallsu l-arretrati tal-kontribuzzjonijiet meħtieġa;

L-aħwa Buontempo appellaw minn dik id-deċiżjoni tad-Direttur quddiem l-Arbitru, li laqa' l-appell tagħhom limitatament, fis-sens illi ddikjara li huma mhumiex persuni mpjegati għall-finijiet tal-Att fuq imsemmi; u dan fuq il-konsiderazzjonijiet li ġejjin;

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-avvjament u l-inkwilinat tal-ħanut il-Belt Valletta, St. Paul's Street numru 300, b'dak kollu li kien hemm ġewwa fih, kien jappartjeni lil Provvidenza armla minn Paolo Portelli, li mbgħad iżżewġet lil Salvatore Vassallo. Din mietet fl-4 ta' Jannar 1938 mingħajr tfal, u b'testment tat-28 ta' Diċembru 1957, publikat minn Nutar Giovanni Vella, ħalliet lill-imsemmi tieni raġel tagħha użufruttwarju universali tal-beni tagħha, u werrieta, fost oħrajn, terza parti lit-tfal imwielda u li għad jistgħu jitwieldu minn Carmelo Buontempo, ħuha;

B'kuntratt tas-26 ta' April 1939, publikat minn Nutar

Oscar Azzopardi, l-interessati kollha fil-wirt tal-imsemmija Provvidenza Vassallo llikwidaw ir-relazzjonijiet li kellhom ta' bejniethom in konnessjoni mal-imsemmi wirt, u bħala konsegwenza ġie assenjat lit-tfal tal-imsemmi Carmelo Buontempo l-avvjament u l-inkwilinat tal-ħanut fuq imsemmi, b'dak kollu li kien hemm ġo fih fil-31 ta' Mejju 1938, bil-valur ta' £600; u dan oltre xi mobili u immobili oħra li ma għandhomx konnessjoni ma' dan l-appell. Għalhekk, il-ħanut fuq imsemmi ġie fil-proprjetà tat-tfal ta' Carmelo Buontempo, fosthom l-appellanti, fi kwoti ndaqs bejniethom; u dan b'titolu ta' suċċessjoni;

Mill-premess jidderiva li bejn it-tfal ta' Carmelo Buontempo, fosthom it-tliet appellanti Emmanuele, Lawrence u Peter, aħwa Buontempo, ma teżistix soċjetà, imma sempliċi komproprijetà jew komunjoni tad-ditta fuq imsemmija; u dan għaliex din il-komproprijetà mhix riżultat tal-volontà tagħhom, imma sabu ruħhom fiha bħala werrieta ta' zijithom Provvidenza Vassallo. Jonqos, għalhekk, sabiex jingħad li hemm anki sempliċi soċjetà "di fatto", l-element tal-"affectio societatis", li huwa proprju l-element li jittrasforma r-relazzjonijiet ġuridiċi ta' komunjoni f'dawk ta' soċjetà. Huwa rilevanti, għall-fini ta' dan l-appell, il-fatt li Carmelo Buontempo, missier il-komproprijetarji tal-ħanut, qiegħed jieħu ħsieb l-istess ħanut, u talvolta jiġġestieh u jippartecipa fil-profitti; dan jikkostitwixxi materja ta' ftehim tat-tfal bejn missierhom, li qatt ma jista' jiġi kunsidrat bħala soċju għal daqshekk biss;

Taħt dawn iċ-ċirkustanzi, l-imsemmija appellanti Emmanuele, Lawrence u Peter, aħwa Buontempo, ma jistgħux jiġu kunsidrati bħala mpjegati, billi ħadd ma jista' jkun impjegat miegħu nnifsu; jonqos fil-każ in ispeċje, rigward l-imsemmija tliet appellanti, il-prinċipal, u bħala konsegwenza kuntratt ta' servizz. F'każi simili, meta wieħed mil-proprijetarji jaħdem għan-negozju li fih għandu sehem, irid jirriżulta ben ċar li huwa obliga ruħu mal-komproprijetarji l-oħra li jagħmel ix-xogħol huwa u li jkun taħt il-kontroll tagħhom, b'mod li, jekk jonqos, ikunu jistgħu jitwieldu xi drittijiet kontra tiegħu, sabiex jista' jingħad li huwa mpjegat; altrimenti, għandu jitqies bħala "self

employed" (ara deċiżjoni tal-Arbitru mogħtija fis-6 ta' Awissu 1960, fl-appell fl-ismijiet "Michael Vella et. vs. D.E.L.S.W."). Fil-każ in ispeċje dawn l-obligi u dan il-kontroll ma ġewx pruvati;

Id-Direttur ħassu aggravat b'dik id-deċiżjoni tal-Arbitru, u appella minnha lil din il-Qorti, u talab li tiġi revokata in kwantu ddikjarat li l-imsemmija aħwa Buontempo mhumiex persuni mpjegati għall-finijiet tal-imsemmi Att, billi jiġi minflok deċiż illi huma għandhom jitqiesu mpjegati, u kwindi assigurabbli;

L-appellati opponew ruħhom għal dan l-appell tad-Direttur fis-sens, l-ewwelnett, illi dak l-appell hu null, peress illi fid-deċiżjoni appellata ma ġie deċiż ebda punt ta' dritt, u subordinatament illi fil-meritu d-deċiżjoni appellata hi ġusta u tistħoqq konferma;

Il-Qorti, wara li rat l-inkartament tal-każ u semgħet it-trattazzjoni, ikkunsidrat;

Fuq l-eċċezzjoni preliminari;

Fil-fehma tal-Qorti, din l-eċċezzjoni mhix fondata. Apparti minn kull ħaġa oħra, id-deċiżjoni tal-Arbitru hi bażata fuq id-distinzjoni legali li huwa għamel bejn komunjoni u soċjetà, u l-appell hu anki minn dik id-distinzjoni. Oltre dan, l-appell jinvolvi l-interpretazzjoni tad-definizzjoni li tagħti l-liġi tal-kelma "employer", u anki tal-kliem "insurable employment";

Għalhekk din l-eċċezzjoni hi miċħuda; bl-ispejjeż kontra l-appellati;

Fuq il-meritu;

Għall-finijiet tal-Att fuq imsemmi, huma kompriżi fil-kelma "employer" "a body of persons being a partnership company, fellowship or society of persons, whether corporate or incorporate, and whether vested with legal personality or not";

L-ewwel kwistjoni hi jekk l-aħwa Buontempo, possessuri tad-dritt ta' inkwilinat u avvjament tan-negozju ġestit taħt id-ditta "Carmelo Buontempo", jidħlux taħt din id-definizzjoni;

Fil-fehma ta' din il-Qorti, ir-risposta għal din l-ewwel kwistjoni għandha tkun affermattiva;

L-Arbitru eskluda l-eżistenza ta' soċjetà bejn l-aħwa Buontempo għaliex l-imsemmi inkwilinat u avvjament kien ġie għandhom b'titolu ta'suċċessjoni; kwindi, qal l-Arbitru, bejniethom teżisti biss sempliċi komproprijetà jew komunjoni tad-ditta, għaliex jonqos l-element tal-"affectio societatis", li hu l-element li jittrasforma r-relazzjonijiet ġuridiċi ta' komunjoni f'dawk ta' soċjetà;

Dwar dan wieħed għandu josserva dan li ġej. L-ewwelnett, mid-definizzjoni ta' "employer" fuq riportata jidher ċar illi l-liġi qegħdha tikkontempla mhux biss dawk l-għaqdiet ta' nies li għalihom japplika l-konċett legali ta' soċjetà proprijament hekk imsejħa, iżda wkoll kull għaqda ta' nies bi kwa'unkwe mod uniti b'xi skop jew oġġett komuni. L-ewwel għaqdiet (dawk li huma veri soċjetajiet f'sens legali) huma kontemplati bl-użu tal-kelma "partnership" jew "company". Oltre dawn il-kliem, però, hemm mbgħad użati wkoll il-kliem l-ieħor "society of persons", li ma kienx ikollhom sens kieku kienu jfissru l-istess ħaġa bħall-kliem "partnership" jew "company". Il-liġi tgħid espressament illi mhux meħtieġ li dawn l-għaqdiet ta' nies ikollhom personalità ġuridika distinta minn dik tal-individwi li jiffurmawhom;

Iżda oltre dan, din il-Qorti hi ta' fehma li bejn l-aħwa Buontempo hemm soċjetà anki f'sens legali; u dan għaliex għandha ssir distinzjoni li l-Arbitru ma għamelx. Bħala titolari tal-inkwilinat tal-ħanut li huma wirtu, ċertament teżisti bejniethom komunjoni. Għall-kreazzjoni ta' dan l-istat ta' komunjoni, għad li kien hemm l-att volontarju tagħhom konsistenti fl-aċċettazzjoni tal-wirt, ma kienx hemm il-veru kunsens li joħloq is-soċjetà; iżda meta huma fil-fatt, u b'att ġdid tal-volontà, iddeċedew "ikomplu jiġġestixxu n-negozju fl-interess komuni", huma ġiebu in eżistenza

l-elementi tas-soċjetà, ċjoè il-kontribuzzjoni tal-ishma tagħhom tal-inkwilinat, bl-iskop li jaqsmu bejniethom il-qligħ li jista' jsir. Huwa sempliċement irreali li din il-ġestjoni tan-negozju titqies li hi l-istess ħaġa bħas-sempliċi komunjoni tal-inkwilinat li oriġinarjament intiret. Il-mera komunjoni hija, tista' tgħid, stat passiv, "destinato a non subire alcuna modificazione fino a quando abbia luogo la divisione sopra una cosa o di una massa indivisa";

Fil-każ tagħna, hemm mhux biss illi saħansitra l-isem tal-ħanut jew ditta, li qabel kien "Paolo Portelli", dbiddel u sar "Carmelo Buontempo", b'mod li beda jiġi kreat u akkwistat avvjament ġdid, iżda hemm il-fatt tan-negozju, naturalment bi flus ġodda b'intrappriżi ġodda, b'inizjattivi ġodda, b'merċi ġodda, eċċ. Dawn xejn ma għandhom x'jaqsmu, ħlief unikament li n-negozju hu ġestit ġol-fond li ntiret, mal-oġġett tal-komproprijetà inizjali. Fil-fehma tal-Qorti, hi evidenti l-verità ta' dak li jgħid il-Baudry (Vol. XXIII, § 513), fis-sens illi "Quando gli eredi lasciano in comune i beni ereditari per sfruttarli, vi è società". Dan hu enfatikament hekk meta l-beni ereditarji huma inkwilinat ta' ħanut u fih l-eredi jkomplu jattivaw in-negozju għall-profitt komuni. Altru hi s-sempliċi komproprijetà tal-inkwilinat, u altru din il-komunjoni konġunta mal-attivazzjoni tan-negozju mill-komproprijetarji f'dan il-lokal. Hawnhekk jidħol preċiżament l-iskop utilitarju li jinkiseb profitt a benefiċċju tas-soċju, li hu karatteristiku tas-soċjetà, u jonqos fis-sempliċi komunjoni;

Issa, f'dan in-negozju jaħdem l-ewwelnett il-missier Carmelo Buontempo, li qiesu l-manager, u miegħu jaħdmu l-appellati Emmanuele, Lawrence u Peter, u ta' dan ix-xogħol jirċievu ħlas taħt forma ta' perċentaġġ, "bażat fuq il-profitti", kull xahar (xhieda ta' Emmanuele Buontempo fol. 9). Anki Carmelo Buontempo xehed:— "Kull xahar nikkalkulaw, jiġifieri jiena u t-tliet itfal li semmejt (ċjoè Emmanuele, Lawrence u Peter) bejn wieħed u ieħor xi profitti nkunu għamilna, u dan il-profitt, hekk kalkulat, naqsmuh bejn erbgħa. Dan beda jsir minn xi erbgħa xhur 'l hawn" (fol. 8);

Jidher assolutament ċar illi dan l-arranġament jikkos-

titwixxi mpjeg bi ħlas mad-ditta fuq imsemmija. It-tliet aħwa jipperċepixxu dan il-ħlas, regolarment ta' kull xahar, mhux għax huma komproprijetarji fl-inkwilinat u l-avvjament, jew anki fin-negozju. Tant hu hekk illi anki Carmelo Buontempo, li mhux komproprijetarju, jitħallas bl-istess mod tal-istess xogħol li jagħmel, mentri għall-kuntrarju, il-ħames aħwa l-oħra, li għalkemm huma komproprijetarji ma jaħdmux, ma jirċievu ebda ħlas simili;

L-imsemmija Carmelo Buontempo u t-tliet appellati jirċievu dak il-ħlas tax-xogħol tagħhom "personali", li, kif intqal, hu perċentaġġ tal-profitti li jkunu ġew kalkulati kull xahar. "Iż-żejjed (ċjoè dak li jibqa' mill-profitti) inħalluh fin-negozju". Hekk xehed Emanuel Buontempo. Dan, mela, hu l-qliegħ nett tad-ditta li fih, bħala soċi komproprijetarji, jidħlu s-soċi li ma jaħdmux kif ukoll it-tliet appellati "qua" soċi. Hawn tirriżulta d-differenza bejn dak li l-appellati jirċievu bħala ħlas tax-xogħol tagħhom separatament minn dak li jirċievu jew għandhom dritt għalieh bħala soċi komproprijetarji. Fl-ewwel kwalità huma qegħdin jaħdmu għad-ditta jew soċjetà, komprendenti anki s-soċi l-oħra, bħal ma jkunu jaħdmu għas-soċjetà l-uffiċjali tagħha għad li jistgħu jkunu soċi, jew l-uffiċjali salarjati u mpjegati ta', per eżempju, każin jew assoċjazzjoni simili, għad li jistgħu jkunu membri;

Il-fatt li talvolta l-appellati jistgħu ma jżommux orarju ta' xogħol għal kollox fiss u regolari ma jagħmelx differenza, għar-raġuni msemmija fid-deċiżjoni tal-Arbitru fil-każ "Michael Vella vs. Direttur tal-Emigrazzjoni, Xogħol u Għajnuna Sċjali" tas-6 ta' Awissu 1960, li għaliha hemm riferenza fid-deċiżjoni appellata, fis-sens illi, "meta fil-fatt jeżisti kuntratt ta' xogħol jeżisti wkoll il-kontroll, għalkemm minħabba l-parentela ma jiġix użat kif kieku normalment jintuża meta jkun hemm ma jkun hemm ebda relazzjoni ta' parentela jew affinità bejn il-prinċipal u l-impjegat";

Għal dak li jingħad fid-deċiżjoni appellata jiġi osservat illi l-obligazzjoni ta' komproprijetarju jew soċju li jagħmel ix-xogħol huwa, u li jkun taħt il-kontroll tagħhom, b'mod illi jekk jonqos ikunu jistgħu jitwieldu xi drittijiet kontra

tiegħu, huwa evidenti li dawn ir-rapporti jistgħu jitwieldu mill-fatt stess u mill-kunsens taċitu tal-partijiet. Huwa fatt li t-tliet appellati assumew li jaħdmu fin-negozju bi ħlas speċjali, u l-aħwa l-oħra, u l-missier li jiddiriġi n-negozju, bil-fatt aċċettaw u taw eżekuzzjoni lil dan l-arranġament. Dan ir-rapport ta' ġestjoni u ndħil fl-operat tan-negozju ovvjament joħloq obligi, se non altro, ta' xogħol tajjeb u fl-interess tad-ditta, fl-appellati, u drittijiet korrispondenti fid-ditta u l-komproprijetarji u soċi oħra;

Ma hemmx bżonn, fl-aħħarnett, jingħad illi l-impjeg in kwistjoni mhux wieħed minn dawk eżentati fl-Ewwel Skeda li hemm mal-Att;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-appell ta' Joseph Rossignaud nomine, u tirriforma d-deċiżjoni appellata billi tirrevokaha in kwantu ddikjarat li l-appellati aħwa Buontempo mhumiex assigurabbli, u tiddikjara, minflok, li huma assigurabbli għall-finijiet tal-Att Nru. VI tal-1956; u tikkonferma l-imsemmija deċiżjoni tal-Arbitru fil-bqija;

L-ispejjeż, minħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ, jibqgħu bla taxxa, ħlief id-dritt tar-Reġistru, li jħallsuh l-appellati.